Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1393/2010/1AE

**J & C Contracts Limited**

**Vs**

**Michael Bianco u Rodner Bianco**

L-Erbgha, 4 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' avviz prezentat fis-16 ta' Awissu 2010, l-attrici talbet is-somma ta' €2,229 rifuzjoni ta' flejjes li qalet li hallset indebitament lill-konvenuti b'riferenza ghal xoghol ta' appalt. Il-konvenuti wiegbu li m'ghandhom jaghtu xejn.

B'sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Gunju 2013 (fol. 34), it-talba tal-attrici giet michuda. Mis-sentenza jirrizulta li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq 'il fatt li:

i. Ix-xhud, perit Robert Naudi ma gharafx lill-konvenut bhala l-persuna li kienet prezenti meta kejjel ix-xoghol. Fil-fatt osserva li jsibha difficli jemmen li jekk il-kuntrattur kien prezenti waqt il-kejl, ix-xhud ma jgharfux meta tqies li l-kumpannija kellha biss seba' bennejja. Il-konvenut qal li ma kienx prezenti meta tkejjel ix-xoghol;
ii. Il-kejl ghalhekk ittiehed mhux fil-presenza tal-konvenuti u l-konvenut qal li fil-kejl kien hemm appartament nieqes;

Is-socjeta attrici appellat. L-aggravju tal-attrici hu li mill-provi t-Tribunal kellu jilqa' t-talba taghha in kwantu pprovat, fuq bilanc ta' probabilita, li t-talba kienet gustifikata. L-attrici argumentat li kienet tat prova ta' kemm hallset lill-konvenuti u kemm kienet obbligata thallashom. Joseph Chetcuti, ufficjal tas-socjeta attrici, xehed u pprezenta prospett dwar il-pagamenti kollha li saru lill-konvenuti. Il-perit Robert Naudi xehed li kien ghamel il-kontijiet finali tax-xoghol li ghamlu l-konvenuti. Mill-kontijiet irrizulta li l-ammont li kien dovut lill-konvenuti kien ta' €16,661.60. Spjega wkoll li meta kejjel kien prezenti Michael Bianco, ghalkem dakinhar li xehed ma gharafx lill-konvenut. It-Tribunal naqas li japprezza li meta spicca xoghol kienu ghaddew sentejn, u li l-perit Naudi jiltaqa' ma' hafna nies fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Inoltre, l-konvenuti ma ghamlux kontro-ezami lil dan ix-xhud. Ladarba ma sarx kontro-ezami jfisser li dak li qal ix-xhud kien accettat. Fl-ahharnett ix-xiehda tal-konvenut Michael Bianco m'hijiex kredibbli meta tqies li:-

(a) biddel tlett darbiet il-post fejn allega li ghamel xoghol li ma giex imkejjel mill-perit Naudi;
(b) meta xehed l-ewwel darba qal li kien ghad baqghalu jithallas Lm280. It-tieni darba qal li kien ghad baqghalu jithallas Lm900 u hlas ghal granet ta' xoghol li ghamel;

Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2015 id-difensur tal-appellati ddikjara li m'ghandux x'izid ma' dak li nghad fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

M'hemmx kontestazzjoni li l-konvenuti ghamlu xoghol ta' bini fuq inkarigu tal-attrici. Il-qorti tibda biex tosserva li bhala qorti ta' revizjoni ma tvarjax facilment apprezzament ta' provi li jkun sar mit-Tribunal. Pero' f'dan il-kaz wara li rat l-atti, tosserva:-

1. L-attur xehed b'affidavit u qatt ma sarlu kontro-ezami;

2. Min-naha l-ohra l-konvenut Michael Bianco xehed quddiem il-qorti fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012 u 20 ta' Settembru 2012. Il-qorti mhi konvinta xejn minn dak li xehed meta tqies:-

    i. Fl-ewwel seduta xehed li *"... jiena nghid li tax-xoghol li ghamilt kollu jiena thallast kollox u kien fadalli niehu biss mitejn u tmenin lira"*. Zied ighid li *".... sal-ahhar pagament illi sar ahna ma kellna l-ebda kwistjoni. L-unika kwistjoni illi niftakar illi kellna kienet kwistjoni zghira hafna tant illi l-argumenti bejnietna nqalghu fuq blata"*. Fit-tieni seduta qal li kellu jircievi *".... Bejn wiehed u iehor disa' mitt lira Maltin tal-flat li hemm nieqes tas-Siggiewi kif ukoll tal-granet. Anzi nikkoregi ruhi tal-Ibragg mhux tas-Siggiewi, kif ukoll il-granet li hemm nieqsa"*.

    ii. Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012 il-konvenut xehed li kontijiet li pprezentat l-attrici, kien hemm *".... flat ta' Haz-Zebbug illi huwa nieqes"*. Lejn l-ahhar tad-deposizzjoni qal li l-appartament kien fis-Siggiewi. Meta xehed fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2012 qal li fid-dokumenti hemm nieqes flat mill-blokka tal-Ibragg. Iktar tard qal li l-appartament kien is-Siggiewi u mbaghad rega' kkorega ruhu u qal li kien l-Ibragg.

    iii. Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2012 l-ewwel qal li wara li ra d-dokumenti prezentati, *".... hemm hafna kejl nieqes kif ukoll granet nieqsa peress illi gieli konna niehdu bil-gurnata u dan minbarra li kien ghad fadallu jtini two hundred eighty, mitejn u tmenin lira Maltija"* (fol. 41). Pero' iktar 'il quddiem fl-istess seduta qal li tax-xoghol kollu li kien ghamel kien thallas kollox salv ghas-somma ta' Lm280, li ma tax dettalji fhix kienet tikkonsisti. Inoltre wara li sfumat ir-relazzjoni bejn il-

kontendenti, lanqas m'hemm prova li l-konvenuti kienu ghamlu talba lill-attrici sabiex thallashom xi bilanc.

L-inkonsistenza fid-deposizzjoni tal-konvenut hi lampanti, u t-Tribunal naqas milli jikkunsidraha. Dan minkejja li fis-sentenza t-Tribunal osserva li *"…. kellu joqghod fuq il-kredibilita tax-xhieda meta telghu fuq il-pedana tax-xhieda u mill-affidavit prezentat"*.

3. Michael Bianco xehed li kien jittiehed il-kejl tax-xoghol li ghamlu (fol. 41), pero zied li kien qatta' d-dokumenti. Qal ukoll li *"… kull meta ttiehdu l-kejl dejjem konna jiena u tal-J & C u jiena ma naf li kien ikun hemm hadd iktar prezenti maghna dwar il-kejl"*. Xehed il-perit Robert Naudi li kkonferma li kien kejjel ix-xoghol, u pprezenta wkoll il-*bill of quantities* (fol. 21-35) ghal xoghol li sar fil-Mosta, Siggiewi u Ibragg. Zied: *"Meta hadt il-kejl ta' dawn it-tlett postijiet kien hemm prezenti mieghi s-subcontractors u f'dawn il-kazijiet kien certu wiehed Michael Bianco"* (fol. 19). Pero' mistoqsi jekk jaghrafx lil Michael Bianco, li kien prezenti fl-Awla, wiegeb li m'huwiex cert jekk kienx l-istess persuna. It-Tribunal qal li jsibha difficli jemmen li jekk il-kejl ittiehed fil-presenza ta' Michael Bianco, ma jgharfux. Din il-qorti ma taqbilx. Il-perit xehed fit-12 ta' Jannar 2012 u hu evidenti li l-kejl kien ittiehed snin qabel. Il-perit kien cert li l-kejl hadu fil-presenza ta' Michael Bianco, u ma rrizultax li kien hemm xi Michael Bianco iehor li hadem ghas-socjeta attrici. 'Il fatt li s-socjeta attrici kienet tinqeda biss b'sebgha bennejja m'ghandha l-ebda mpatt fuq il-kredibilita tax-xhud li ma rrizultax li hu mpjegat tas-socjeta attrici. 'Il fatt li persuna ma tibqax taghrfa persuna li tkun iltaqghat maghha fl-ezercizzju tal-professjoni taghha snin qabel tixhed, ma jfissirx li m'hijiex kredibbli. Mill-mod kif xehed il-konvenut m'hemmx kontestazzjoni li d-dokumenti li pprezenta l-perit Naudi jirrelataw ghal xoghol li sar mill-konvenuti. Inoltre, l-qorti ma tarax li hi verosimili li rapprezentant tas-socjeta attrici kien ser imur fuq il-lant tax-xoghol u jkejjel personalment mal-konvenuti. Dan hu ezercizzju li normalment isir minn perit jew *quantity surveyor*. Rilevanti wkoll hu li fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2012 il-konvenut xehed li ghax-xoghol kien thallas *"… biss l-ammont ta' sittax-il elf mija u wiehed u sittin ewro u sittin centezmu"* (fol. 44). Gialadarba kien diga' xehed li ma kellux dokumenti, il-qorti tifhem li din ic-cifra gabha mill-kontijiet tal-perit Robert Naudi (fol. 21-35). Fil-fatt jekk tghodd it-total tal-kontijiet tal-perit Naudi, il-*grand total* hu **€16,161.60**. Ghalhekk hu evidenti li l-konvenut jaccetta li x-xoghol li jissemma fil-kontijiet tal-perit Naudi sar minnhom u li l-kejl u ammonti ta' flus dikjarati f'dawk id-dokumenti huma korretti. Jekk hu hekk probabilment il-kejl sar mill-perit Naudi. Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li mhux kredibbli l-konvenut meta qal li: *"l-perit jiena lanqas biss nafu"* (fol. 42). Il-qorti temmen li l-kejl ittiehed fil-presenza tal-konvenut Michael Bianco.

4. Meta tqies li:-

    i. Michael Bianco m'huwiex kredibbli, u dan hu l-uniku xhud tal-konvenuti; u
    ii. Joseph Chetcuti, direttur tas-socjeta attrici, xehed b'affidavit (fol. 12) u pprezenta prospett tal-pagamenti kollha li saru lill-konvenuti (fol. 14), b'total ta' €18,890. Dan ix-xhud ma sarlux kontro-ezami u l-verzjoni tieghu m'hijiex kontradetta bi provi ohra, gialadarba Michael Bianco m'huwiex kredibbli; u
    iii. Il-perit Robert Naudi xehed li l-kejl ittiehed fil-prezenza tal-kuntrattur Michael Bianco;

    il-konkluzjoni hi li l-hlas pretiz mis-socjeta attrici hu dovut mill-konvenuti.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell tas-socjeta attrici u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Gunju 2013 u minflok tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn mitejn u disa' u ghoxrin ewro (€2,229), bl-imghax min-notifika tal-avviz u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti**.

Anthony Ellul.